# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

***Rapport Amministrattiv Annwali***

***Għas-Sena 2016***

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2016.

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr temm it-tielet sena u beda' ir-raba sena tas-7 Leġislatura tiegħu.

Il-Kunsill preżenti li huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat-Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sur Mario Sammut u is-Sinjura Elizabeth Ebejer bħala Kunsilliera. Lejn l-aħħar tas-sena, is-Sinjura Ebejer irriżenjat mill-post tagħha u wara elezzjoni każwali, il-post tagħħa imtela' mill-Kunsillier Elia Borg.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta’ servizz lejn il-kommunita’ u għaldaqstant, minbarra l’irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta , matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet u proġetti bl-għan li jtejjeb il-kwalita’ tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita’. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2016.

B' kollox, matul l-2014, issejjħu 15 -il seduta tal-Kunsill. Tajjeb li wieħed jinnota li il-Kunsill ta' l-Imġarr għandu waħda mill-ogħla rati ta' attendenza mill-membri tal-Kunsill minn fost il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex.

## Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita’ hija l-lejla ta’ ‘Ġieħ l-Imġarr’ fejn fiha nies li jkunu ħadmu b’ risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attivita’ tal-2016, reġa' ħie mgħoti wkoll premju speċjali għall-kategorija taż-żgħażagħ. Din hija attivita' ferm mistennija mil-lokalita'.

## Festa Frawli

Attivita’ oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta’ Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f’ din l-attivita’u din is-sena applika b’suċċess għal-fondi tal-iskema għal inizjattivi

L-attivita' saret tiġbed numru impressjonanti ta' nies minn kull settur tas-soċjeta' fosthom diversi personaġġi distinti u politiċi.  Hi okkażżjoni li barra li toffri l-opportunita' lill-bosta nies li jżura il-lokalita' tagħna, toffri wkoll mezz fejn il-

kommunita' Imġarrija tingħaqad flimkien, taħdem flimkien u tkabbar is-sens ta' mmħabba lejn dan ir-raħal.

**VE Day**

Avveniment ieħor li qed jieħu postu fil-kalendarju tal-attivitajiet annwali tal-Kunsill huwa iċ-ċelebrazzjoni ta' tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, hekk imsejjaħ bħala l-V.E. Day, f' Mejju. Matul din iċ-ċelebrazzjoni l-Kunsill iwassal messaġġ tal-importanza li wieħed jaħdem għall-paċi kif ukoll iffakkar f' ħutna l-Imġarrin li tilfu ħajjithom minħabba dak kollu li ġabu magħhom il-Gwerrer.

**Korsijiet**

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' crafts, dekorazzjonijiet tal-kejkiet u pasti, korsijiet tal-fotografija, korsijiet fl-użu tal-komputer u l-applikazzjonijiet tiegħu, kif ukoll diversi taħdiet edukattivi fil-bini tal-Kunsill.

**Restawr, Toroq u Manutenżjoni**

Tkompla il-proġett tar-resawr tas-sit tal-Għasfura fejn il-Kunsill, flimkien mal-Universita' ta' Malta u l-HSBC (Malta) Foundation, qed jirriġenera sit taż-żmien l-Ingliżi. Matul l-2016, dan il-post tkompla jissebbaħ b' ħitan tas-sejjieħ, kif ukoll ġew imwaħħla l-aperturi tal-ħadid u tal-injam fuq id-disinn u s-sengħa ta' ħidma oriġinali. Sar ukoll xogħol fuq il-ħitan, speċjalment minn ġewwa u issa fadal l-aħħar ftit internventi sabiex dan il-post jiġi uffiċċjalment inawgurat mmatul l-ewwel nofs tas-sena 2017.

Proġett ieħor importanti li l-Kunsill investa fih kien dak tal-upgrade tal-librerija pubblika. Dan il-post mhux biss kompla jirċievi aktar kotba ġodda skond it-talbiet ta' min jagħmel użu minn dan il-post, iżda wkoll, matul din is-sena, ġie msebbaħ kif xieraq b' sett ta' purtieri ġodda, aperturi ġodda u mmoddernizzati kif ukoll xkaffef u tgħamir ieħor biex jitjieb is-servizz offrut.

It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali.

Saru xogħolijiet fi' Triq l-Alwiża fejn hondoq li kien żdingat u użat għall-iskart irresponsabbli, tnaddaf u ingħata dehra ġdida bl-involvient ukoll tar-residenti. Sar ukoll xogħol ta' bankini fi' Triq L-amorozz għall-aktar sigurta' tar-residenti.

Sar ukoll xogħol ta' tnaddif u tisbieħ fiz-zona tal-Palma filwaqt li tkompla jingħata konkos f' toroq non-urbani sabiex jittejjeb l-aċċess għar-residenzi f' inħawi simili u r-

raba'. Zona partikolari li sarilha dan it-tip ta' interventi matul is-sena 2016 kienet l-Imġarr ta' Ġewwa.

Iz-zona tas-Santi ukoll gawdiet minn intervent ta' manutenzjoni u tisbieħ, l-aktar bix-xogħol ta' restawr fuq l-Għajn f' dawn l-inħawi li ġie inawgurat fis-sajf li għadda.

Intervent ta' manutenzjoni pjuttost kospikwu kien dak li l-Kunsill kellu jagħmel b' urġenza fil-jiem ta' wara Festa Frawli fuq il-fossa f' Wesgħat il-Ġublew, quddiem il-lattrini pubbliċi. Il-Kunsill ħa ħsieb li jintervjeni mill-ewwel u solva l-problema fi' ftit jiem.

Matul l-2016 bdiet titħaddem ukoll is-sistema ta' monitoroġġ tas-CCTV Cameras fuq il-bring in site ta' Triq il-Ganfra. Din is-sistema qed tiġi monitorata ta' kuljum mil-Kumpanija G4S li tħaddem ukoll il-Gwardjani Lokali, sabiex kull min jinqabad jaġġmel użu abbużiv u jarmi skart mhux kif suppost, jeħel pieni kif joħroġ mill-liġi. Ta' min isemmi li fi' ftit ġimgħat li fihom ġiet introdotta din is-sistema, l-użu ħazin ta' din il-bring in site naqas drastikament.

**Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat**

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt. Qed jinbiegħu ukoll combo tickets u tbiljetti oħra li jħajjru studenti u anzjani biex iżuru dawn il-postijiet storiċi bi' ħlas immnaqqas.

**Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani**

Is-Servizz tad-Day Care Centre ospitat fil-bini tal-Kunsill kompla jissaħħaħ u matul din is-sena kompla jinfetaħ darbtejn fil-ġimgħa, jiġifieri nhar tat-Tlieta kif ukoll nhar ta' Ġimgħa.
L-anzjani ikollhom diversi avveniment biex jiġu assikurati minn anżjanita' ħolistika u attiva, fosthom diskussjonijiet, tagħlim, ħruġ edukattiv, parteċipazzjoni fi' sport, crafts, festini u aktar.
Wieħed ifakkar li ftit ilu, il-Kunsill xtara van apposta biex ikun jista jwassal lill-Anzjani lejn u lura min dan iċ-ċentru.
Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza hekk kif tkun qed toqrob ix-xitwa. Ħafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**Inawgurazzjoni Heritage Trail**
fl-ewwel ġimmgħat tal-2016 ġie inawgurat l-Imġarr Heritage Trail. Dan il-proġett kien jinkorpora diversi xogħlijiet, fosthom twaħħil ta' tabelli informattivi ma' postijiet ta' importanza storiko-kulturali fil-lokalita', kreazzjoni ta' fuljett informattiv dwar kull wieħed minn dawn il-postijiet kif ukoll postijiet ta' interess oħra, bankina ġdida fi' Triq Għajn Tuffieħa, u irranġar tal-wilja fl-istess triq. Dan il-proġett ġie inawgurat mill-Onorevoli Ian Borg u l-Onorevoli Stefan Buontempo, fil-preżenza ta' membri parlamentari oħrajn u persuni distinti oħra.

**Esibizzjonijiet Kulturali**
Matul is-sena il-Kunsill kompla jospita it-Tempra Contemporary Art Museum. Matul l-aħħar ġimgħat tas-sena, il-Kunsill ħa ħsieb jikkommisjona inventarju tal-aktar minn 450 biċċa xogħol ta' Arti ospitat fil-bini tal-Kunsill. Dan sabiex fix-xhur li ġejjin, il-Kunsill ser ikun qed jieħu l-passi neċċessarji biex isir l-att legali sabiex dawn ix-xogħlijiet artistiċi jgħaddu bħala donazzjoni lill-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

**Kuntatt mar-Residenti**
Il-Kunsill iżomm kuntatt dirett mar-residenti permezz ta' diversi leaflets informattivi fir-residenti. Wieħed jista jgħid faċilment (u kien hemm minn ġieli irramarka) li il-Kunsill tal-Imġarr huwa wieħed mill-aktar Kunsill li jibgħat informazzjoni fid-djar. Hafna drabi, din l-informazzjoni issir 'in house' mill-membri tal-istaff, u ta' dan nirringrazzjawhom u ta' min jgħidilhom prosit..

Barra minn hekk, il-Kunsill iżomm kuntatt ukoll permezz tal-paġna ta' facebook. Din il-paġna isservi ta' notice board għall-dak kollu li jkun qiegħed iwettaq il-Kunsill kif ukoll sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jikkuntaattjaw lill-Kunsill. Matul dan l-aħħar xhur, u fuq direttiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, qed tingħata spinta lill-paġna tal-Kunsill fuq facebook, aktar milli l-profil, bil-ħsieb li din isir il-kuntatt uffiċċjali tal-Kunsill fuq din il-pjattafora eletronika. Ta' min isemmi li din il-paġna għandha aktar minn 700 persuna li jsegwuha u li jitwasslilom tgħarif siwi fuq bażi regolari.

**Youth Exchanges**
Matul l-2016, 6 żgħażagħ mill-Imġarr, fuq koordinament tal-Kunsill Lokali, kellhom Youth Exchange f' Lezignan, fi' Franza. Żgħażugħ ieħor kellu l-rwol ta' Leader f' Contact Making Seminar Project ma żgħażagħ oħra Ewropej f' Narbonne, ukoll fi' Franza.

Barra minn hekk, Il-Kunsillier Mario Sammut attenda għall-European Youth Event li seħħ fil-Parlament Ewropew ta' Strasburgu f' Mejju li għadda, flimkien ma' 15 -il kunsillier ieħor minn Malta.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Mario Sammut u l-Kunsilliera Elizabeth Ebejer ipparteċipaw ukoll fil-proġett tal-Active Citzens for Active Climate Protection, proġett ta't il-programmm Europe for Citizens li sar fi' Praga, fir-Repubblika Ċeka. Matul dan il-proġett, saret preżentazzjoni mill-Kunsilliera Mġarrin dwar l-inizzjattivi li qed jieħu l-Kunsill biex ittaffi l-effetti negativi fuq il-klima.

## Kooperazzjoni ma' Lokalitajiet Barrannin

Matul l-2016, il-Kunsill kompla jaħdem dwar ftehim ta' kooperazzjoni u ġemelaġġ mal-Lokalita' Taljana ta' Lagosanto, mill-provinċja tal-emilia Romagna. Din il-lokalita' hija magħrufa għat-tkabbir tal-frawli kif ukoll għall-avveniment annwali li togranizza, is-Sagra della Fragola.

Kuntatti, skambju, żjajjar u qsim ta' ideat ma' rapreżentanti ta' din il-lokalita' kienu ilhom għaddejjin sa' mill-2014, imma dan kollu laħaq il-qofol tiegħu f' April tal-2016 meta ġie iffirmat il-patt ta' ġemelaġġ propju fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr fost rappreżentenza minn Lagostanto u mill-lokalita' tagħna.

Matul l-istess perjodu, saru diversi attivitajiet li jpoġġu fil-prattika l-ideal tal-ftehim ta' ġemellaġġ : fosthom tournament ta' football ta' timijiet ta' tafla u żgħażagħ minn Lagosanto, l-Imġarr u postijiete oħra Maltin, kif ukoll laqgħat ta' skambju ta' informazzjoni u ideati bejn rappreżentanti tal-għaqdiet miż-żewġ lokalitajiet.

## Sports

Il-Kunsill kompla jagħti is-sapport tiegħu lill-għaqdiet sportivi tal-lokalita'. Fl-istess ħin ukoll il-Kunsill ospita għadd ta' tlielaq sportivi, fosthom tlielaq tal-karozzi fit-telgħa tal-Ġnejna, tlielaq tar-roti waqt it-Tour ta' Malta li jsir f' April, parti mill-kampjonat nazzjonali tat-Off Road Triathlon kif ukoll, il-Kampjonat Nazzjonali tal-Mountain Running, żewġ itlielaq tal-kampjonat nazzjonali tal-Mountain Bike, u it-tieni edizzjoni tal-Imġarr 10KM run organizzata mill-Mellieħa Athletics Club.

## Servizzi offruti fil-Kunsill

Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta’ persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta’ servizzi li llum indraw bħal ġbir ta’ skart goff u ġbir ta’ skart riċiklat qed ikun ta’ utilita’ kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta’ skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex jintrema’ l-iskart. Għal-dan il-għan, il-Kunsill reġa għall-darb oħra, qassam kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart fil-btajjel pubbliċi għas-sena li tkun għada kemm bdiet, biex il-familji ikunu jistgħu jippjanaw bil-quddiem. Ta' min isemmi wkoll li l-Kunsill Lokali ta' l-

Imġarr rebaħ premju speċjali bħala wieħed mill-aktar lokalitajiet li jirriċċklaw ammont ta' skart per capita.

Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, joħorġu il-permessi għall-makkinarju fit-toroq, tħaffir ta toroq, attivitajiet u avvenimenti fil-Ġnejna u Għajn Tuffieħa kif ukoll jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

**Tenders**

Matul din is-sena il-Kunsill kien qed jagħmel il-konverżjoni għall-ħruġ ta' sejħiet ta' offerti (imsejħa bħala Tenders) b' mod elettroniku. Dan biex jiġu in linja mad-direttivi nazzjonali tad-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fil-fatt l-ewwel tender eletroniku tal-Kunsill tal-Imġarr ħareġ ftit tal-ġranet ilu u qed jilqa' offerti għall-ġbir tal-iskart mir-residenzi, wara li l-kuntrattur preżenti talab li jinħall mill-ftehim li kellu mal-Kunsill.

Din il-migrazzjoni swiet ammont kbir ta' taħriġ għall-istaff tal-Kunsill, speċjalment għas-Segretarju Eżekuttiv li matul is-sena attenda għall-numru ta' sezzjonijiet ta' taħriġ li tħejjew kemm mid-dipartiment tal-kuntratti, mill-istitut tas-Servizz Pubbliku kif ukoll mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***Handymen* tal-Kunsill**

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ handymen. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f' kundizzjoni tajba permezz ta' patching u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa. Huma jarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organiżżata xi attivita bħal Ġieħ Mġarr u Festa Frawli.

**Finanzji**

Wara li fl-2015, il-Kunsill kellu joqgħod attent ħafna sabiex ma jispiċċa is-sena finanzjarja taħt il-marġini rakkomondabbli ta' surplus finanzjarju, matul l-2016 is-sitwazzjoni finanzjarji tjiebet u għalkemm l-accounts tal-Kunsill għas-sena 2016 għadhom mhux konlużi, kollox jindika li ser tkun sena pożittiva oħra. Bi' pjaċir insemmi li sa' mill-2010 l' hawn, jiġifieri dan l-aħħar 6 snin, il-Kunsill Lokali qatt ma spiċċa la f' deficit u lanqas f' sitwazzjoni finanzjarja imwegħra.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

Waħda mill-kisbiet finanzjarji l-aktar importanti tal-2016 ġratu propoju ftit tal-ġranet ilu meta, wara insistenza tagħna għall-dawn l-aħħar 17 -il xahar, u wara laqgħa tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mad-Direttur tal-Gvern Lokali, id-dipartient jidher li finalment fehem l-argumenti tagħna u seer ikun qed jgħaddilna l-aħħar tranche dovuta lill-Kunsill fuq il-proġett tal-Public Private Partnership għal-għotja ta' wiċċ ġdid ta' toroq li sar fl-2013. Din is-somma tammonta għall-ftit aktar minn 40,000Ewro u żgur li ser tkun qed tgħati ħajja ġdida lill-finanzi tal-Kunsill.

**Konklużjoni**
Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal u tal-kooperazzjoni fejjieda li dejjem insib mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-membri tal-istaff għall-ħidma bla heda tagħhom għall-ġid tal-kommunita' u lill-Imġarrin li jikkopperaw magħna biex inżommu dan il-raħal bħala ġojell uniku u eżemplari fil-Gżejjer Maltin.

Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku** : Paul Vella  **Deputat Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Mario Sammut. Elia Borg*
***Segretarju Eżekuttiv** : Cyprian Dalli*